# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 25 ta' April 2025**

**Rikors Nru. 226/2025**

**Kroll Trustee Services Limited**
**rappreżentata mill-mandatarju speċjali**
**l-avukat Louis Cassar Pullicino**

**v**

**Il-bastiment 'M/V Jay 2'**

Il-qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-24 t'April 2025 li fih ġie deċiż hekk:

> Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tapprova l-bejgħ privat tal-bastiment M/V Jay 1 lill-Kumpratriċi għall-prezz ta' €16,380,000; u, għall-finijiet tal-art 362 - 364 tal-Kap. 12, il-qorti taħtar, skont it-tielet talba, lil Dr Larry Gauci.
>
> Il-qorti mhix sejra tqis it-talbiet l-oħra billi l-konsegwenzi tal-approvazzjoni u tal-bejgħ huma mfissra fil-liġi.
>
> Din id-deċiżjoni ngħatat *in camera.*

L-awtorizżazzjoni kellha tkun fir-rigward tal-bastiment M/V Jay 2 u mhux il-bastiment M/V Jay 1 u għalhekk, permezz ta' din korrezzjoni, il-qorti qiegħda tbiddel l-ittri, kelma u numru fid-deċiżjoni minn "M/V Jay 1" għal "M/V Jay 2" biex b'hekk id-deċiżjoni għandha titqies li tgħid hekk:

> Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tapprova l-bejgħ privat tal-bastiment M/V Jay 2 lill-Kumpratriċi għall-prezz ta' €16,380,000; u, għall-finijiet tal-art 362 - 364 tal-Kap. 12, il-qorti taħtar, skont it-tielet talba, lil Dr Larry Gauci.

Il-qorti mhix sejra tqis it-talbiet l-oħra billi l-konsegwenzi tal-approvazzjoni u tal-bejgħ huma mfissra fil-liġi.

Din id-deċiżjoni ngħatat *in camera*.

Din il-korrezzjoni għandha titqies bħala li tifforma parti integrali mid-deċiżjoni tal-24 t'April 2025.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur